KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 46** **Erbgħa 1 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mikhail Micallef - Kunsillier

**MISTIEDNA:**
Dott. Mario Abela – Avukat tal-Kunsill
Daniel Galea – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**46.1a Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsillier Micallef jinsab l-isptar. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsillier Micallef jiġi skużat.

**46.2 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament lill-Kunsillier lis-Sur George Borg**
Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Marita Pace Dimech, il-Kunsillier George Borg ħa l-ġurament tal-ħatra ta' Kunsillier.

**46.3a Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 45**

**REF: 43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**

Is-Sindku nforma li wara li ġie approvat li jsir il-*culvert,* infurmajna lil Infrastructure Malta (IM), u x-xogħol beda. Is-Sindku nforma li bħal ma jafu l-Kunsilliera kien hemm wkoll diversi korrispondenza fil-midja, fosthom fuqu bħala Sindku fejn s'issa għadu ma weġibx biex l-ewwel tiġi diskussa f'din il-laqgħa, fejn hemm diversi kummenti li mhux korretti u xtaq li bħala Kunsill tinħareġ stqarrija bl-informazzjoni ta' kif ġraw il-fatti, u jiġi risposti d-domandi li saru mil-midja, għalkemm il-Kunsill għandu dritt ma jweġibx.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jsibx oġġezzjoni però l-Kunsill għadu mhux infurmat bit-*timeline* ta' meta ser jitlestew x-xogħolijiet, għax fil-verità min dik jinteresshom in-nies, u tajjeb li titniżżel fl-istqarrija. Is-Sindku nforma li IM wieġbu qabel il-Kunsill fejn nformaw li x-xogħol għandu jitlesta sa l-aħħar tas-sajf.

Il-Kunsillier Cassar nforma li din għanda tkun bil-miktub, għax IM hija l-entità li wara kollox qed tieħu ħsieb il-proġett, li hija l-entità li l-Kunsill qabbad biex iżżid ix-xogħol addizzjonali mal-proġett, għalhekk tajjeb li IM tagħtina data ta' meta ser jitlestew ix-xogħolijiet.

Tkompliet id-diskussjoni, u s-Sindku nforma li fl-istima d-data li jitlestew ix-xogħolijiet hija nofs Lulju, u estendew id-data sa l-aħħar ta' Lulju.

Il-Kunsillier Cassar nforma li triq il-Kbira kollha qegħda fi stat ħażin, għax il-parti ta' fuq gravi daqs il-parti t-isfel, għax min triq il-Wata sa triq il-Ġnejna sfronda t-tarmak, fejn din il-parti ġiet *patched* bil-konkos u reġa' sfronda l-konkos.

Il-Kunsillier Cassar talab lil membri preżenti biex jaqblu bħala Kunsilliera li jkun fejn jkun wasal ix-xogħol nitolbu lil IM li x-xogħol jingħalaq biex issir il-festa, u ma jibdewx xogħol ieħor f'toroq oħra, sakemm tgħaddi l-festa. Is-Sindku nforma li min informazzjoni li għandu li mil-lum sa l-aħħar ta' Lulju il-pjazza tal-monti IM ser jibdew ix-xogħolijiet, irrelevanti x'jgħid il-Kunsill.

Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li għanda tinħareġ stqarrija bl-informazzjoni ta' kif ġraw il-fatti, u nitolbu lil IM biex jagħtuna bil-miktub it-*timeline* u t-*timeframes* ta' kif ser jitkomplew ix-xogħolijiet u dati ta' meta ser jitlestew. Is-Sindku ħa jipprepara *draft* ta' l-istqarrija biex qabel ma tintbagħat tiġi ċċirkulata mal-membri tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-*water culverts,* u s-Sindku qasam mal-membri preżenti il-pjanta li IM bagħtu ta' kif ser jsiru il-*water culverts,* u kif ser jsir id-*diversion* tat-traffiku.

Fis-6:40pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex l-arċipriet tal-Mosta ibierek l-uffiċini, u l-membri preżenti.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**

Is-Sindku nforma li t-tabelli li twaħħlu quddiem iċ-ċimiterju b'approvazzjoni ta' Transport Malta twaħħlu, u talab lil-LESA biex jibda jsir l-infurzar, fejn mil-lum tal-LESA qed jwissu bil-kelma t-tajba u min għada jibdew jħarrku.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report u Miżura 4.3 EAFRD**
Is-Sindku nforma li l-Inġinier baqa' ma bagħatx ir-rapport dwar il-pont tal-Bidnija, u nformaħ verbalment biex issir tabella temporanja biex vetturi ta' piż aktar min 5 tunnellati, ma jistgħux jgħaddu, sakemm jlesti r-rapport strutturali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat imejl lil Inġinier biex terġa tfakkru biex jibgħat ir-rapport tiegħu u t'informah li kif issuġġerixxa ser jsiru tabelli temporanji '*weight limit 5 tons'.*

**REF: 43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa, Triq il-Pont u Triq ir-Rebbiegħa**
Is-Sindku nforma li Infrastructure Malta kellhom laqgħa ma sid l-art ta' triq ir-Rebbiegħa, u s-sid qed jitlob kumpens ta' esproprjazzjoni, u ma waslux għal-qbil.

Is-Sindku nforma li bagħat il-pjanta ta' triq ir-Rebbiegħa lil-Kunsillier Cassar wara li kien talabha, u nforma lil Kunsilliera biex jekk hemm xi ħadd mil-Kunsilliera li jixtieq jara l-pjanta jibgħatha. Il-Kunsillier Camilleri talab biex korrispondenzi bħal dawn għandhom dejjem jiġu ċċirkulati mal-membri kollha.
Is-Sindku tella l-pjanta fuq l-iskrin u spjega fejn ser jkunu l-*culverts* u lis-spralli, fi triq ir-Rebbiegħa.

**REF: 44.3.3 Kommunikazzjoni – Fire Alarm HC/Local Council Building**
Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat il-kwotazzjonijiet lil-Kunsillier Cassar biex jqabbel il-kwotazzjonijiet.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret talba lill-Lands biex nistaqsu għad-Devoluzzjoni u l-prezz li jrid jitħallas, però għadna ma rċevejniex risposta.

**REF: 44.3.6 Kommunikazzjoni- Lighting at Mosta Bridge**
Is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsillier Cassar u Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa ma l-Inġinier ta' Galea Curmi, l-Inġinier Joseph Azzopardi u ntalab biex jifred il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq.

F'dan il-ħin tkompliet il-laqgħa fuq l-*items* li jmiss, sakemm jkunu jistgħu jittellgħu fuq l-iskrin id-dokumenti relatati mad-dwal tal-pont.

Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet mal-membri preżenti fuq l-iskrin id-dokumenti li rċevejna mil-Inġiniera Galea Curmi, tad-dawl tal-pont min taħt u min fuq.

Fis 7:40 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*item* 46.6.3 Annual Budget for the Financial Year 2022.

**REF: 44.4.6 Twinning Millbrae u REF: 45.10.13 Ġemellaġġ Ragusa**
Il-Kunsillier Camilleri fakkar li għada hemm iċ-ċerimonja fejn ġejna mistednin min-Millbrae biex titħawwel siġra taż-żebbuġ, fejn din iċ-ċerimonja ser tkun mxandra *live,* flimkien ma Millbrae u l-Palestina. Il-Kunsillier Camilleri spjega l-ordni ta' kif ħa timxi ċ-ċerimonja, u nforma li mil-kwotazzjonijiet li nġabru, bħala spiża, din ser tkun tiswa għal-madwar €20,000, li jinkludi *broadcasting, olive tree, planting, delivery and landscaping, audio, lighting, video, chairs and canopy,* monument, *catering* u fotografu.

Is-Sindku spjega li l-monument ħa jkun simili bħal dak ta' triq il-Parroċċa, però ħa ssir irħama temporanja għax ma kienx hemm biżżejjed żmien biex titlesta sa għada.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li jista' jkun konna noħorġu b'irħas, imma peress li ma kienx hemm biżżejjed ċans biex nippreparaw għal din l-attività, ħallejna f'idejn persuna biex jġib il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Camilleri kompla jgħid li meta fl-aħħar laqgħa ġew approvati l-baġits ta' 2020, 2021, 2022 u 2023, fejn parti minnu intuża għal-laqgħa ta' ġemellaġġ li kellna ma Ragusa fl-aħħar ta' Mejju, u madwar €15,000 kellhom jkunu bħala baġit għas-sena d-dieħla biex jittellgħu l-baned, issa rridu naraw min fejn ser nġiebu fondi, għax il-laqgħat li kellna ma Ragusa jistgħu jkunu għalxejn.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li meta għamel Jum il-Mosta u festa Qargħasel fl-2019 ma swietx aktar min €11,000. Il-Kunsillier Camilleri kompla jgħid li fil fatt kellu disgwid mal-Kunsillier Cassar dwar €200 dwar il-vjaġġ li kellna Ragusa, għax dejjem jagħmel mezz biex il-Kunsill ma jnefqux ħafna, u forsi kien hemm *misunderstanding* għax il-pjan kien li jkun hemm rappreżentant wieħed min kull għaqda, u l-Kunsillier Cassar stieden tnejn mil-għaqda ta' l-armar.

Tkompliet id-diskussjoni dwar l-infiq, u l-membri preżenti unanimament qablu li meta jsiru avvenimenti l-baġit irid jkun maqbul bejn il-membri tal-Kunsill qabel ma ssir l-attività.

Il-Kunsillier Camilleri talab biex jitħalla jaħdem fuq id-dekasteri tiegħu, mingħajr ma jidħlu terzi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li llum is-Sindku ser jħabbar id-dekasteri, għalhekk biex ma jkunx hemm *misunderstandings,* jekk Kunsillier huwa responsabbli min dekasteru ħadd m'għandu jidħol u/jew jindaħal fuq il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru. Jekk il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru jaħtar u/jew jitlob għajnuna, d-deċiżjoni finali tibqa ta' dak il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru. Il-membri tal-Kunsill jistgħu jagħtu *feedback* meta l-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru jippreżenta rapport tiegħu u spejjez relatati għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

**REF: 44.4.4 Charging Pillars**
Il-kumitat tat-*traffic management committee* għad jrid jiltaqa'.

Fis 7:40pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex l-avukat tal-Kunsill jagħti *update* dwar item 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd. Minħabba li din l-*item* tirrigwarda każijiet ta' arbitraġġ il-mikrofoni ġew mitfija.

Wara li lesta l-avukat mir-rapporti tiegħu, tkompliet il-laqgħa min REF: 44.3.6 Kommunikazzjoni- Lighting at Mosta Bridge.

**REF: 44.4.8 Ħlasijiet ta' servizz provdut min NGO's Mostin.**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li tixtieq tiċċara li l-Kunsill ma għamilx *capping* ta' kemm il-darba jistgħu japplikaw l-NGO's Mostin u ta' kemm nistgħu nonfqu f'sena. Jiġifieri *capping* ta' €250 kull avveniment li jistgħu jsiru min NGO's Mostin, eżempju NGO tista' tapplika aktar min darba sa massimu ta' €250 għal kull avveniment. Kull talba tkun għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku ta' *update* lil membri preżenti dwar il-laqgħa li kellna mal-LESA u qara l-email li bagħat is-Sur Flores bil-proposta li qed jagħmlu l-LESA. Is-Sindku spjega li saret talba biex il-

500 siegħa jkollna rendikont, u biex dawn il-500 siegħa jintużaw għad-diskrezzjoni tal-Kunsill, bil-ħin li jixtieq il-Kunsill u mhux b'90 minuta l-ġurnata.
Il-LESA qed jipproponu li jħallsu 25% tar-renta tal-blokka li l-Kunsill jħallas lil sid il-kera (eskluż il-garaxx), u €1,000 f'dawl u ilma fis-sena.

Saret diskussjoni u s-Sindku nforma li kieku jaċċetta dan l-*agreement* u li l-500 siegħa jkollna *statement* u li dawn is-sigħat jintużaw kif jkollu bżonn il-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu biex ninnegozjaw u jkollna, il-500 siegħa biex jintużaw kif jkollu bżonn il-Kunsill, u naċċettaw il 25% renta u €1,000 f'dawl u ilma fis-sena.

Fid-9:00pm il-membri preżenti unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, sad-9:30pm biex jingħaddu l-*items*;

46.6.5 - Ħatra tal-Bord il-ġdid tal-Interviews
46.6.6 - Ħatra tal-Bord il-ġdid tat-Traffic Management Committee
46.6.7 - Ħatra tal-Bord il-ġdid tal-Claims
46.6.8 - Ħatra ta' Dekasteri u Responsabiltajiet tal-Membri tal-Kunsill
46.7.1 - Skeda ta Pagamenti
46.7.2 - Purchase Orders
46.7.3 - Works Orders
46.7.4 - Petty Cash

Kif wkoll il-membri unanimament qablu biex il-laqgħa numru 46 titkompla fid-9 ta' Ġunju.

**46.6 Rapporti**

**46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

L-avukat tal-Kunsill ta' *update* dwar l-arbitraġġ tal Ġeneral Co. Ltd, u dwar l-arbitraġġ li l-membri tal-Kunsill unanimament qablu biex jinfetaħ vs il-PAMA wara li jidher li l-PAMA mhux qed jieħdu bis-serjetà biex jsir l-proġett ta' Mlit.

**46.6.2 Pjan ta' Ħidma**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku li hemm bżonn li niltaqgħu ma' l-accountant biex jsir il-pjan ta' ħidma li jrid jiġi preżentat fil-laqgħa pubblika.

**46.6.3 Annual Budget for the Financial Year 2022**

L-*accountant* tal-Kunsill nforma li tressaq fl-AGM li għadda, u kien hemm xi *updates* għax rċevejna l-allokazzjoni uffiċjali. Fuq natura rikorrenti qegħdin f'sitwazzjoni *break even,* jiġifieri dak li l-Kunsill qed jippjana li jdaħħal, ser joħroġ, u għalhekk iridu noqgħodu attenti biex nimxu mal-baġit għax anke b'differenzi żgħar jkun hemm riskju li niġu bil-*minus.* Min naħa l-oħra l-Kunsill għandu riservi b'saħħithom, fejn għas-sena 2022 il-Kunsilli għandu *working capital* ta' €700,000.

Is-Sur Galea nforma lil membri preżenti li għada flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv hemm laqgħa id-DLG, fejn irridu nispjegaw għaliex fl-2021 il-Kunsill kien spiċċa s-sena b'telf, li jfisser li l-Kunsill ħareġ aktar milli daħħal fuq natura rikorrenti, fejn ma dawn kien hemm wkoll spiża kbira fuq *street lighting*, għalhekk wieħed jrid joqgħod attent biex din is-sena l-Kunsill ma jonfoqx aktar milli għandu dħul.

L-*accountant* spjega f'termini sempliċi li l-problema ta' 2021, hu li l-Kunsill nefaq aktar milli daħħal fuq natura rikorrenti, jiġifieri mhux qed ngħidu li l-Kunsill fallut, imma naqqarna mir-riservi liema riservi jintużaw għal proġetti kapitali.

L-*accountant* spjega wkoll, li jsir eżerċizzju ta' *accruels* u *prepayments* fejn naraw kontijiet li l-Kunsill irċieva jew għad jrid jirċievi, u fl-istess ħin naraw il-Kunsill x'għandu jirċievi flus. Jiġifieri għalkemm dawn naħsbu għalihom fl-*accounts,* il-Kunsill qed jaqbeż il-*grant* ta' fondi li jkun applika u f'firma għalih.

L-*accountant* nforma li mhux inkluża fl-accounts *accrual* dwar l-arbitraġġ tal-Ġeneral, u għalhekk importanti li noqgħodu attenti.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-Annual Budget for the Financial Year 2022.

**46.6.4 Update - Development Funds as at 1.6.2022**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**46.6.5 – Ħatra ta' Dekasteri u Responsabiltajiet tal-Membri tal-Kunsill**
Is-Sindku nforma li d-dekasteri assenjati huma responsabbiltajiet elenkati fl-erbatax-il skeda. Minbarra dawk il-materji msemmija fl-erbatax-il skeda, jistgħu jiġu assenjati fost il-Kunsilliera responsabbiltajiet oħra skont il-bżonnijiet tal-lokalità.
Il-Kunsilliera għandhom jressqu l-kumitati tagħhom għal-approvazzjoni tal-Kunsill, meta dawn jinħatru mil-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru.

Il-lista ta' dekasteri u responsabiltajiet, qegħdin fid-dokument Appendiċi A annessa ma dawn il-minuti.

**46.6.6 – Ħatra tal-Bord il-ġdid tal-Interviews**
Is-Sindku nforma li l-Bord tal-*interviews* ħa jkun magħmul mil-Kunsilliera Bonnici, Gatt, Borg u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala kap amministrattiv. Il-Kunsillier Camilleri ħa jkun sostitut ta' wieħed mil-membri Kunsilliera.

Il-membri preżenti approvaw il-bord ta' l-*interviews.*

**46.6.7 – Ħatra tal-Bord il-ġdid tat-Traffic Management Committee**
Is-Sindku nforma li l-Bord tat-Traffic Management Committee ħa jkun magħmul mis-Sindku Grech u mil-Kunsilliera Cassar, Deguara, Bonnici, Borg u l-Membru Parlamentari Romilda B. Zarb.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx li jkun hemm membri parlamentari li jiffurmaw parti mil-bord, u jekk jkun hemm huwa jirriżenja mil-bord, u jressaq domandi li jkollu dwar *traffic management* waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

L-Kunsillier Cassar kompla jispjega li jekk ser jiżdiedu aktar persuni mal-bord li diġà hemm iffurmat min-Kunsilliera, il-bord ser jispiċċa ma jiltaqa' qadd, apparti li jkollok ħafna idejat u l-bord ma jasal mkien fid-deċiżjonijiet, apparti lis-Sa. Zarb diġà infurmatna li ġurnata waħda biss fil-ġimgħa tista' tattendi.

Il-membri preżenti resqu l-opinjoni tagħhom lis-Sindku, fejn infurmaw li huma ma'għandhom xejn kontra is-Sa Zarb, imma issa m'għadhiex parti mil-Kunsill.

**46.6.8 – Ħatra tal-Bord il-ġdid tal-Claims**

Is-Sindku nforma li l-Bord tal-Claims ħa jkun magħmul mil-Kunsilliera Cassar u Bonnici, u mis-Sur Themi Scicluna.

Il-membri preżenti approvaw il-bord tal-Claims.

**46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**46.7.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 127.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 4 ta' Mejju 2022 sal-1 ta' Ġunju 2022.

**46.7.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**46.7.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**46.7.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta' April 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**46.8a Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad 9 ta' Ġunju 2022 fis-6:00pm, biex titkompla l-laqgħa numru 46.

Konfermati llum 1 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 46 (kontinwazzjoni)** **Ħamis 9 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija, biex titkompla l-laqgħa numru 46.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Joseph Gatt- Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**46.1b Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gatt u nfurmat li l-Kunsillier Micallef jinsab l-isptar. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsillier Micallef jiġi skużat, u approvaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gatt.
Fid-9:00pm il-Kunsilliera Bonnici bagħtet messaġġ li tinstab ma tiflaħx u ma setgħetx tibgħat biex tkun skużata. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsilliera Bonnici tkun skużata.

**46.3b Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 45**
**45.10.14 Xogħolijiet ta' Infrastructure Malta u Monti**

Is-Sindku nforma li tkellem ma Infrastructure Malta (IM), li hemm xi *aerial lines* u żewġt arbli tal-injam fuq il-bankina tal-*GO* fi triq il-Lunzjata biex forsi jneħħuhom. Din hemm spiża ta' qrib il ħames t'elef ewro però huwa tkellem mas-Sur Pierre Attard tal-GO u talbu biex din l-ispiża tiġi mħallsa minn *GO.* Is-Sindku nforma li huwa talab ukoll lil IM post fejn jipparkjaw il-*coaches* tat-turisti biex dawn wara jkunu jistgħu jimxu miż-żona issa approvata minn TM bħala pedonali dik ta' Triq il-Parroċċa lejn il-pjazza. B'hekk il-problema tal-*coaches* bit-turisti li jipparkjaw quddiem il-knisja tkun tista' tiġi riżolta. Din tkun trid tiġi diskussa mal-parroċċa.

Rigward post fejn jipparkjaw *coaches* fi pjazez 16 ta' Settembru/Wesgħat il-Wied, l-Perit Albert Spiteri ta' IM informa lis-Sindku li l-Kunsill irid jipprovdi pjanta u proposta lil TM u jekk din tiġi approvata minn TM huma jimplimentaw ir-*road markings* kif approvati minn TM.

Saret diskussjoni dwar ipparkjar illegali min sidien ta' vetturi li jieqfu biex jixtru u joħolqu konġestjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-CCTV tal-pjazza u ta' pjazza 16 ta' Settembru, kif twaħħal l-*electrode* min G4S, applikajna għal-meter tad-dawl, u reċentement ġejna nfurmati mil-ARMS li fi pjazza 16 ta' Settembru, l-*electrode* ma twaħħalx, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet tinforma lil G4S. L-aħħar stadju huwa li napplikaw għal konnessjoni tal-4G.

Rigward triq il-Kbira s-Sindku nforma li IM issa ser jkollhom laqgħa ma l-Enemalta, Melita, GO u Epic wara li ntbagħtu id-disinji li IM kienu talbu lil entitajiet biex jipprovdu fi żmien ħmistax. F'din il-laqgħa għandhom jiġu diskussi x-xogħolijiet li jridu jsiru mil-entitajiet, u s-Sindku spjega x-xogħol tekniku li jrid jsir mil-entitajiet, anke fejn m'hemmx il-bankina wiesgħa biżżejjed.

Is-Sindku kompla jgħid li kellem uħud mir-residenti inkluż ir-resident li kien preżenti għal-laqgħa, fejn nformahom biex jistennew sakemm il-Kunsill jirċievi d-disinji, imbagħad jitkellmu, għax uħud mir-residenti kull marka li kienet qed tiġi mmarkata bi *spray,* fuq il-bankina bdew jistaqsu x'inhi. Is-Sindku nforma li wara li jkollna d-disinji approvati f'idejna jixtieq jagħmel laqgħa mar-residenti, biex jkunu nfurmati.

Is-Sindku nforma lil-membri preżenti li talab laqgħa mal-Ministru Dalli dwar is-*shifting* ta' l-*aerial lines,* fejn ser issir talba biex il-Ministru tikkunsidra li l-ispejjeż ma jitħallsux mill-Kunsill. Il-Kunsillier Cassar nforma li qara xi kummenti fejn kien hemm xi ħsarat f'raħal ieħor li għamlu l-istess meta niżlu l-*cables* taħt l-art. Is-Sindku nforma li l-Enemalta nfurmatu li kien hemm irħula oħra li għamlu l-istess u għaddiet sena u għadhom jikkumbattu mar-residenti, biex jitnizzlu l-*aerial cables.*

Dwar ħsarat li qed jsiru lil-residenti mil-kuntrattur ta' IM, is-Sindku nforma li l-avukat nforma li r-responsabiltà hija tal-kuntrattur, fejn il-kuntrattur huwa *liable* li jħallas, apparti r-responsabiltà dawn jkollhom assikurazzjoni.

Saret diskussjoni wara li l-Kunsillier Cassar staqsa jekk nistgħux nkunu nafu l-liġi xi tgħid dwar kemm suppost jitħalla mettraġġ meta jsir it-tqattigħ mad-djar. Is-Sindku nforma li ma jistax jwieġeb għal din id-domanda, l-IM għandhom l-avukati u l-Periti tagħhom u żgur mhux ser jagħmlu xogħol kontra l-liġi, għax kieku ma kienux jaċċettaw il-*works order* tal-Kunsill biex jsir il-*culvert.* Is-Sindku żied jgħid li residenti li għandhom dubju dwar kemm suppost jitħalla mettraġġ min mal-faċċata meta jsir it-tqattigħ, dawn għandhom jieħdu parir legali.

F'dan il-ħin is-Sindku nforma li rċieva email mil-Perit tal-Kuntrattur indirizzata lill-Perit Joseph Galea ta' IM, fejn ser jattendu l-laqgħa ta' għada u nforma li hemm bosta kwistjonijiet li jeħtieġu li jiġu ċċarati biex jitkomplew ix-xogħolijiet.

Il-membri preżenti qablu li ssir l-istqarrija u tiġi ċċirkulata qabel ma tintbagħat lil-*press.*
Fis 7:05pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 45.

**46.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**46.4.1 Kommunikazzjoni – Proposal Summer Ikids C3- Sajf 2022**

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti, u kien hemm qbil unanimu li dan il-kors dan is-sajf ma jsirx.

**46.4.2 – Kommunikazzjoni – Green Areas Tender**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna imejl, fejn ir-reġjun tramuntana nfurmana li fl-aħħar laqgħa tar-reġjun ġie diskuss il-possibbiltà li joħroġ tender reġjonali dwar *soft areas* u *landscaping,* fejn il-vantaġġ jkun li jkun hemm offerta aħjar.
Saret diskussjoni u l-membri preżenti talbu għal aktar informazzjoni.

**46.4.3 – Kommunikazzjoni – Day Centre Agreement**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li r-renta tal-blokka fejn hemm id-Day Centre (sular 1) u Youth Empowerment Centre/LESA (Sular 2) huma hekk:

Ilna 10 snin nikru u bħalissa nħallsu €24,737.52 (inkl. VAT) fis-sena. Dan il-ftehim kuntrattwali jista' jiġi rivedut f'Novembru 2022, hekk kif jiskadi r-raba' terminu ta' 5 snin.
Fi żmien 10 snin il-kera se tkun ta' €54,972 inkl. tal-VAT.

Is-Sur Flores, qed jipproponi li jkun emendat l-MOU kif ġej:
Il-klawżola li ġejja hija sostitwita:

3. Superviżjoni tal-Lokalità tal-Mosta mill-uffiċjali tal-Komunità
Bħala kumpens għal dan ta' hawn fuq,
a. L-aġenzija LESA taqbel li tagħmel total ta' 500 siegħa ta' xogħol matul is-sena abbażi ta' sena kalendarja u kif ġej;

b. kemm fis-superviżjoni kif ukoll fl-infurzar (90) minuta servizz ta' kuljum matul is-sena kalendarja lill-Kunsill Lokali tal-Mosta (valutat bi spiża ta' €15-il siegħa) li jfisser li l-*covering time* huwa l-uniku ftehim li jkopri ż-żewġ partijiet, l-aġenzija u l-Mosta. Il-Kunsill Lokali jaqbel għall-użu tal-parti tal-bini mill-aġenzija,

c. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta jaqbel li jaċċetta s-servizz ta' (90) minuta kuljum matul is-sena kalendarja lill-Kunsill Lokali tal-Mosta (valutat bi spiża ta' €15-il siegħa) liema ħin huwa l-uniku ftehim li jkopri ż-żewġ partijiet, l-aġenzija u l-Lokal tal-Mosta. Il-Kunsill jaqbel għall-użu tal-parti tal-bini mill-aġenzija,

3. Kumpens
Bħala kumpens għal dan ta' hawn fuq,
a. LESA għandha tħallas lill-Kunsill Lokali tal-Mosta 25% tal-miżati tal-kera dovuti lis-sid, li jkopru l-ispejjeż tal-kiri għall-użu tat-tieni sular kondiviż.
b. LESA għandha tħallas lill-Kunsill Lokali tal-Mosta miżata annwali ta' elf Ewro biex tkopri l-konsum ta' ilma u elettriku.
c. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta jaqbel li jaċċetta l-kumpens imsemmi fl-artikoli a) u b) hawn fuq.
Dan t'hawn fuq qed jiġi propost fuq il-bażi li ġejja:

a. LESA tagħmel użu minn sular wieħed ta’ fuq, minn tnejn li huma mikrija mill-MLC. Mhu qed jiġi stabbilit l-ebda prezz fiss, biex jekk ikun hemm xi tibdil fil-miżati tal-kera, ma jkunx hemm bżonn ta’ emendi fl-MOU.
b. L-LESA tqis ġust li kull ilma u elettriku li jkun qed jiġi kkonsmat mill-aġenzija għandu jitgħabba mill-aġenzija, u mhux mill-Kunsill, u għalhekk nistgħu naqblu fuq ammont. Qed nissuġġerixxu ħlas annwali ta' €1000
c. Permezz ta 'hawn fuq, il-partijiet kollha se jevitaw kalkoli kumplessi ta' bilanċi ta 'sigħat eċċ.
d. Xorta LESA se tkompli l-lokalità permezz tal-operat normali tagħha.

Din il-proposta ma tinkludix il-500 siegħa f’servizz ta’ *wardens* kif kellna.

Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill jaċċetta l-proposta tal-LESA, imma jekk sid il-kera jgħolli r-renta, jrid jiġi rivedut l-ħlas li l-LESA trid tħallas lil-Kunsill. Dejjem jiġi mħallas minn LESA 25% tal-kirja attwali. Dwar il-500 siegħa l-membri qablu li dawn is-sigħat, jkun il-Kunsill li jiddeċiedi fejn u meta jużahom, u li jkollna rendikont.

Fuq nota differenti s-Sindku nforma li s-Sur Naudi talab li jkun hemm parkeġġ riservat għal-LESA quddiem id-Day Centre fejn għandhom l-uffiċju u jirrinunzjaw għal-parkeġġ li huwa maqsum mal-Kunsill. Il-membri preżenti unanimament approvaw il-parkeġġ riservat għal-LESA fi triq Kurat Schembri fejn id-Day Centre.

**46.4.4 Kommunikazzjoni- Pjanti Triq ir-Rebbiegħa**
Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċirkola mal-membri preżenti l-pjanti ta’ Triq ir-Rebbiegħa.

**46.4.5 Kommunikazzjoni- Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċirkola mal-membri preżenti l-pjanti ta’ Triq Difiża Ċivili.

**46.4.6 Kommunikazzjoni- Culvert Project Complaint Triq il-Kbira/Objections for Works in Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li kif jkollna d-disinji finali nkunu nistgħu nkellmu lir-residenti.

**46.4.7 Kommunikazzjoni- Reverse Vending Machines in your locality**
Is-Sindku nforma li t-*traffic manigement committee* għadu ma d-diskutiex din il-materja, u talab biex tittella’ fil-laqgħa li jmiss.

**46.4.8 Kommunikazzjoni- Deficit Situation Year 2021 Unaudited Financial Statements**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li flimkien ma l-*accountant* tal-Kunsill kellna laqgħa mad-DLG.

Id-Direttorat tal-Finanzi u l-Procurement fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali beda jiltaqa’ mal-Kunsilli Lokali kollha b’*deficit* biex janalizza kwistjonijiet ta’ tħassib u jibda jaħdem flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi u l-*accountants* tal-Kunsilli Lokali rispettivi.
Din kienet laqgħa ta’ konsultazzjoni fejn kellna l-opportunità niddiskutu kwistjonijiet finanzjarji u naqsmu l-ideat, speċjalment meta wieħed iqis li l-kapital tax-xogħol tal-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa b’saħħtu. Madankollu, huwa importanti li wieħed jindirizza kwistjonijiet li possibbilment jistgħu jemerġu mill-aktar kmieni biex tiġi evitata l-aggravament ta' din is-sitwazzjoni.

Huwa wkoll importanti ħafna li bħala Kunsill nwettqu riċerka meħtieġa biex jkunu identifikati l-possibilitajiet kollha maħsuba biex nindirizzaw il-kwistjoni inkwistjoni, inklużi iżda mhux limitati għal:

- Ħruġ ta' Byelaws biex jiżdied id-dħul
- Kiri ta' proprjetà
- Tnaqqis tal-ispejjeż

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kull skema ta' fondi li toħroġ tajjeb li napplikaw iżda hemm bosta proġetti li għadna qed naħdmu fuqhom, u bosta drabi qed nonfqu aktar min dak li jkun baġitjat, peress li l-Kunsill dejjem jrid joħroġ persentaġġ mal-fondi li nirċievu.

Apparti min hekk peress li l-Kunsill joħroġ l-flus qabel ma jirċievi l-fondi, l-*profit & loss* tal-Kunsill jkun qed jidher aktar bħala telf, għalhekk id-DLG tkellmu ma l-awdituri biex ma jibqgħux jniżżlu fl-*audit* li l-Kunsilli qegħdin f'*loss,* però l-awdituri ma qablux u minflok sar qbil li ssir nota fil-*managment letter.*

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li nfurmat lid-Direttorat tal-Finanzi u l-Procurement li hemm bżonn jsir eżerċizzju mid-DLG biex tinbidel il-liġi fejn għad hemm prezzijiet li għadhom min żmien meta konna bil-Lira Maltija, u kull ma sar huwa li nqalbu għal-Ewro. Għalhekk ma jistax jkun li kulħadd jgħolli l-prezzijiet, u l-Kunsilli 14 il-sena wara għadna bl-istess prezzijiet, kif wkoll hemm bżonn li l-Kunsilli jitħallsu *administration fee* tax-xogħol li l-Kunsilli qed jagħmlu għal-uħud mid-dipartimenti tal-Gvern.

Saret diskussjoni dwar il-prezz tas-sala tal-komunità, u l-membri preżenti qablu li l-prezz għandu jiġi rivedut, u jiġi nkluż prezz ta' tindif. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-membri preżenti biex meta jingħata prezz lil xi ħadd jew għaqda li trid tikri s-sala, mhux din wara tittella' Kunsill, għax jkunu kellmu lil xi Kunsillier biex jaraw kif jistgħu jakkwistaw is-sala b'xejn. Il *bye-law* hija ċara lil min is-sala għanda tingħata b'xejn, ovvjament f'każijiet ta' *fund raising* dawn jintlaqgħu għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

**46.4.9 Kommunikazzjoni- Quotes Re Vjal Ragusa and Outdoor Gym**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hemm bżonn jsir *maintenance agreement* mal-kuntrattur tal-*parks and gardens* peress li l-pjanti li saru fl-Outdoor Gym, u t-tindif li sar fi Vjal Ragusa m'humiex parti mil-kuntratt.

Il-kwotazzjonijiet huma dawn:

- Vjal Ragusa: Tisqija, żbir u rimi u tinħarat l-art : €2,000 eskluż VAT fis-sena
- Outdoor Gym: Zbir u rimi : €1,500 eskluż VAT fis-sena

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni ta' l-Outdoor Gym ta' żbir ta' €1,500 eskluż VAT fis-sena . Rigward Vjal Ragusa, ħa nistennew li l-ewwel jlestu l-proġett Parks Malta, mbagħad nerġgħu niddiskutu.

Is-Sindku nforma li hemm wkoll l-eks għalqa taż-żebbuġ ta' Ċikku Fenech, fejn għanda laqgħa mal-Wasteserv biex nieħdu l-*handover.* Jiġifieri din hemm spiża oħra biex tkun miżmuma. Il-Kunsillier Camilleri bagħat messaġġ lil Onor. Alex Muscat, u nforma lis-Sindku

biex jitkellem ma l-Onor. Muscat għax kien hemm arranġament biex l-ewwel ħames snin jieħdu ħsiebu tal-Wasterv, bħala manutenzjoni.

Il-Kunsillier Cassar staqsa biex jiżdiedu aktar siġar, u saret diskussjoni li jista' jkun li l-kulleġġ taż-Żokkrija kellhom japplikaw għal-Green Wall. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tistaqsi meta jkollna l-laqgħa mal-prinċipal.

Fid 9:15pm Il-Kunsillier Camilleri nforma li rċieva messaġġ lura mil-Onor. Muscat fejn ikkonferma li mal-Ministru Aaron Farrugia kien miftiehem li jieħdu ħsieb Parks Malta jew Ambjent Malta għal-ewwel tlett snin. Is-Sindku talab lil Kunsillier Camilleri biex jikkonferma jekk hemmx arranġament bil-miktub.

**46.4.10 Kommunikazzjoni- Northern Cleaning Żieda fil-Prezz**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li rċevejna imejl mil-kuntrattur ta' ġbir ta' iskart fejn qed jitolbu żieda fil-prezz. Skond il-kuntrattur Northern Cleaning l-ispejjeż tax-xogħol żdiedu tant, li qed jissieltu biex iżommu impjegati tajbin għas-servizzi tal-ġbir tal-iskart bil-baġits attwali. Il-kuntrattur spjega li matul l-aħħar ftit snin u xhur ilhom jassorbu ż-żidiet qawwija fl-ispejjeż tax-xogħol. Għalhekk waslu fi stadju fejn iridu jgħaddu parti minn dawn l-ispejjeż lill-Kunsill Lokali. Għal din ir-raġuni għamlu talba ta' żieda fil-prezz ta' €180 eskluż VAT għal kull jum ta' ġbir b'effett immedjat.

Is-Sindku nforma li saret laqgħa man-Northern Cleaning, fejn mbagħad is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mad-DLG dwar it-talba li saret mil-kuntrattur. Id-DLG infurmana li jekk il-kuntrattur ma jkunx lest li jipprovdi servizz bl-istess prezzijiet, u meta jikkunsidra li hija ċirkostanza eċċezzjonali, u wara li l-Kunsill Lokali jqis l-aħjar prezz possibbli għal dawn iċ-ċirkostanzi jew permezz tal-istess kuntrattur jew billi jfittex kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi oħra, Il-Kunsill Lokali qed jiġi ggwidat biex jitlob l-approvazzjoni għal *direct order* sakemm tingħata u titħaddem l-offerta reġjonali l-ġdida.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li approvazzjonijiet b'lura għal *direct orders* mhumiex permissibbli.

Saret diskussjoni dwar ir-riperkussjonijiet, fejn ġie diskuss wkoll li għalkemm it-tender reġjonali ħareġ hemm id-dubju kemm ser jkun hemm kumpaniji li jitfgħu l-*bid* tagħhom għax il-garanzija hija ta' Miljun Ewro.

Il-membri preżenti unanimament qablu li jkunu approvati €180 eskluż VAT għal kull jum ta' ġbir sakemm jidħol *in vigore* it-tender reġjonali.

Fit-8:00pm il-Kunsillier Zerafa talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

**46.4.11 Kommunikazzjoni - Fire Engines**

Il-membri preżenti approvaw il-ħlas tal-*fire engines* Bidnija u Mosta, li ħa jassistu għan-nar ta' l-ajru għal-festa ta' Santa Maria kif jsir kull sena.

**46.4.12 Kommunikazzjoni – Reklami ma l-Għaqdiet**

Il-membri preżenti unanimament approvaw li nagħmlu reklami ma l-għaqdiet bħas-snin ta' qabel ta' massimu ta' 150 Ewro kull għaqda.

**46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-Cleansing Department dwar il-ħasil tal-pjazza skont l-MoU. Il-membri preżenti qablu li l-ħasil tal-pjazza għandu jsir waħda qabel il 31 ta' Lulju 2022 u oħra wara it-18 ta' Awissu 2022.

**46.4.14 Kommunikazzjoni – Ċaqliq ta' Vetturi fi żmien il-festa**
Il-membri preżenti unanimament approvaw li bħal kul sena għaż-żmien il-festa jiċċaqalqu min posthom dawn il-vetturi; parkeġġ ta' l-ambulanza, parkeġġ tat-tobba u l-parkeġġ għal-persuni b'diżabilità. Rigward il-vetturi tal-GOTO dawn jridu jitneħħew.

**46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li fil-laqgħa li kellna mal-konsulent is-Sur Mifsud, wara li kellna laqgħa mal-kuntrattur Elles Urban Services u l-Perit tal-Kunsill. Il-konsulent infurmana li dan huwa *period contract* u l-*items* fil-BOQ huma indikattivi jiġifieri nistgħu nagħtuh xogħol kemm irridu, kif wkoll nistgħu nagħtuh proġetti ta' triq sħiħa u mhux manutenzjoni biss. Dan il-kuntratt jagħlaq fl-2023, u l-kuntrattur infurmana li b'dawn il-prezzijiet ma jistax jaħdem.

Is-Sindku nforma li talab lil-kuntrattur biex jkompli sqaq San Anton Abbati, fejn fil-BOQ sibna li kellu *block paving* ta' 80cm flok tal-50cm, u talab li ssir ta' 80cm, fejn il-Perit tal-Kunsill ħa jirrevedi l-BOQ.

**46.4.16 Kommunikazzjoni – Parks Malta**
Is-Sindku nforma li Parks Malta qed jaħdmu fuq proġett ta' *landscaping* bil-*pots* fil-pjazza u t-toroq pedonali maġġuri li huma Triq il-Paroċċa u Triq Kurat Calleja. Kif Parks Malta jlestu l-pjanti jibagħtuhom il-Kunsill.

**46.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**46.5.1 Zebra Crossing**
Il-Kunsilliera R. Abela nfurmat li resident staqsa dwar iz-*zebra crossing* li hemm fi triq il-Midbaħ f'Sta. Margerita, biex din titla l-fuq. Din it-talba ħa titressaq lit-*traffic management committee.*

**46.5.2 Zebra Crossing f'Eucharistic Congress**
Il-Kunsillier Farrugia staqsa għaliex hemm żewġ *zebra crossings* f'Eucharistic Congress. Ġie spjegajt li hemm tnejn għax hemm sit ta' kostruzzjoni.

**46.5.3 Bin f'Targa Gap u Reklamar**
Il-Kunsillier Deguara staqsa jistgħux jsiru *bins* mil-Kunsill fejn hemm il-ħwienet ta' l-Ikel Targa Gap. Il-membri preżenti qablu li jsir *bin* kbir min dawk ta' Ambjent Malta għal tat-*take aways.*

Is-Sindku nforma li fi triq Kostituzzjoni k/m triq il-Fortizza, hemm żewġ *frames* tal-ħadid biex jsiru r-reklami, dawn jridu jitneħħew għax mgħawwġa u mhux jintużaw, kif wkoll jitwaħħal il-*bin.*

**46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Gnien 15 t'Ottubru**
Il-Kunsillier Cassar talab *update.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Ġnien 15 t'Ottubru qed jeħlu l-fanali u fadal jnaddaf xi terrapien il-kuntrattur Giovann. Ġnien Grognet de Vasse fadal il-*finishing* tar-*rubber flooring*, dan jrid jsir flimkien ma Ġnien 15 t'Ottubru fejn dak in-nhar li

jsiru r-*rubber floorings* fiż-żewġ ġonna, nġiebu *security* għax il-pubbliku m'għandux jirfes fuqu sakemm jinxef.

**46.5.5 Security fi Ġnien Għarusa tal-Mosta**

Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar is-*security* fi Ġnien Għarusa tal-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan ntbagħat lid-DLG għal-approvazzjoni.
Is-Sindku nforma wkoll li bagħat imejl lil-MCAST biex ix-xelter u *toilet* għas-*security* nużaw l-iskola. L-MCAST infurmaw li ser jiddiskutuha u jkellmuna lura.

**46.5.6 Traffic Management Committee**

Il-Kunsillier Cassar talab biex issir data biex jiltaqa' t-Traffic Management Committee, għax waqajna lura.

**46.5.7 Twinning**

Il-Kunsillier Camilleri ta' rendikont dwar il-laqgħa li saret Ragusa fl-aħħar ta' Mejju mal-Kunsill ta' Ragusa fejn ġie propost il-proġett li ntbagħat b'imejl lil-Kunsilliera. Il-Kunsill ta' Ragusa jidhru nteressati li jieħdu sehem, u wara ltqajna mal-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, fejn laqgħuna ħafna u kienu entużjasti u jidher li ser jkun hemm xi rappreżentanti min tagħhom li ser jiġu jżuruna għal-festa ta' Santa Marija, u niddiskutu dan il-proġett li huwa immirat li jsir fl-2023.

Il-Kunsillier Camilleri wkoll ta' rendikont dwar l-attività ta' l-Olive Tree Planting li kellna ma Millbrae, li għalkemm kien hemm ċertu intoppi fl-aħħar mil-aħħar din iċ-ċerimonja saret bl-aħjar mod possibbli flimkien ma Millbrae u Ramallah.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li ser jara min fejn ser nġiebu aktar fondi għal ġemellaġġi biex forsi l-proġetti ta' 2023 jkunu jistgħu jsiru, fejn hemm ir-Reġjun Tramuntana li lest li jgħinna wkoll.

**46.8b Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-8:45 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal 5 ta' Lulju 2022 fis-6:00pm, u l-laqgħa ta' wara l-5 ta' Lulju issir fit-2 t'Awissu 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 9 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |